MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1314/2000/2

**Marija mart Agostino Zammit f'isimha u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Roderick b'digriet tal-Qorti ta' l-1 ta' Novembru, 2000**

**vs**

**Agostino Zammit**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Gunju 2000 a fol. 1 fejn gie premess:-

Billi l-kontendenti ilhom mizzewgin 26 sena u minn dan iz-zwieg kellhom sitt itfal li fosthom hemm Roderick li ghandu ghaxar (10) snin;

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba eccessi, sevizzi, ngurji gravi u swat da parti tal-intimat, oltre inkompatibilita ta' karattru u llum iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment; u

Billi l-attrici tinsab awtorizzata tipprocedi ghal separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Mejju, 2000 bin-numru 618/00; u

Billi l-istess attrici kienet ammessa ghall-beneficcju gratwit biex tipprocedi bl-istanza odjerna b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-1 ta' Marzu 2000 immarkat Dok. "A" esibit *animo ritirandi*;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Zammit u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut Agostino Zammit;
2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' binha minuri Roderick – ta' ghaxar (10) snin – f'idejn l-attrici;

3. Tiffissa retta alimentari xierqa ghall-attrici u ghal binha minuri;

4. Tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet b'mod li jkunu nominati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**;

5. Tawtorizza lill-attrici, flimkien ma' binha l-minuri, ad eskluzjoni tal-konvenut, li tibqa tghix fid-dar matrimonjali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici a fol. 19 tal-process pprezentat fis-26 ta' Gunju, 2000 fejn hija talbet lil din il-Qorti sabiex tahtarha kuratrici *ad litem* ta' binha minuri, Roderick, fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti;

Rat id-digriet taghha ta' l-4 ta' Awissu, 2000 fejn il-Qorti ordnat, qabel xejn li ssir notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta; rat illi l-konvenut gie notifikat fil-15 ta' Settembru, 2000; rat id-digriet ulterjuri taghha ta' l-1 ta' Novembru, 2000 fejn il-Qorti fin-nuqqas tar-risposta tilqa' t-talba u nnominat lill-attrici kuratrici tal-minuri fl-atti tal-kawza.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh gew notifikati lill-konvenut fit-22 ta' Novembru, 2000 u dan skond ma jirrizulta minn *tergo* ta' fol. 17 fil-process;

Rat il-verbali tas-7 ta' Frar, 2001 fejn giet nominata l-Assistent Gudizzjarju, Dr. Monica Borg Galea, biex tigbor il-provi minkejja li jidher li l-konvenut hu kontumaci; tat-18 ta' Gunju, 2001 fejn l-Avukati rispettivi rrimettew irwiehom ghall-atti fir-rigward tal-gustifikazzjoni *o meno* tal-kontumacja tal-konvenut u qablu li l-provvediment jista jinghata *in camera*; tas-26 ta' Novembru, 2001 fejn il-kawza giet differita ghal aktar informazzjoni u ghall-provvediment fir-rigward tar-rikors tal-konvenut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu; ta' l-4 ta' Gunju, 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju, Dr Monica Borg Galea, biex tiffissa 4 seduti fil-mori tad-differiment (inkluza s-seduta diga` ffissata) ghall-provi kollha attrici, wara liema seduti l-provi attrici qed jigu dikjarati maghluqa, hlief ghad-digriet ta' l-affidavits illum moghti; ta' l-14 ta' Jannar, 2003; tat-28 ta' Jannar, 2003 fejn il-Qorti halliet il-kawza ghall-provi kollha u trattazzjoni dwar ir-rikors tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja; tas-27 ta' Frar 2001; tad-19 ta' Frar, 2003 fejn Dr. Daniela Chetcuti ghall-konvenut li nformat lill-Qorti li kitbet lill-konvenut darbtejn tlieta u baqa` ma kkomunikax maghha; il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar gustifikazzjoni tal-kontumacja; tal-11 ta' Marzu, 2003 fejn inghatat decizjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja; il-kawza giet

differita ghall-finali trattazzjoni; tat-2 ta' April, 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni; tat-18 ta' Gunju, 2003 fejn il-Qorti fic-cirkostanzi ordnat li tisma' lill-minuri u ordnat lill-konvenut li fis-seduta li jmiss jimpenja ruhu li jgib lill-minuri mieghu; tad-29 ta' Ottubru, 2003 fejn il-partijiet qablu li fid-dar matrimonjali bhal issa qed jghix il-konvenut. Fuq komunjoni l-partijiet qablu li m'hemm xejn ta' valur hlief xi mobbli, u hadd m'hu qed jinsisti fuq xejn. Il-Qorti kellmet lill-minuri wahdu fis-sigrieta. Il-minuri esprima x-xewqat tieghu maghha, w indika li m'ghandu ebda problemi la ma missieru u lanqas m'ommu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum;

Rat l-atti tar-rikors datat 25 ta' Mejju, 2000 fejn il-Qorti intalbet mill-attrici sabiex tordna li s-somma ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha dovuta lir-rikorrenti (attrici) bil-quddiem titnaqqas mill-ewwel mill-paga li l-Gvern ihallas lill-intimat sabiex b'hekk ikun onorat id-digriet tal-Qorti. Rat ir-risposta tal-konvenut datata 20 ta' Lulju, 2000; rat id-digriet taghha tal-4 ta' Awissu, 2000 fejn il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smigh; rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju, 2001 fejn inghad illi:

*"Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-25 ta' Mejju 2000 fejn titlob lill-Qorti tordna illi l-manteniment li l-intimat gie kkundannat ihallas lill-attrici mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili jigi mnaqqas direttament mill-paga li l-intimat jippercepixxi minn ghand il-Gvern.*

*Wara li l-intimat finalment gie notifikat ghamel risposta fl-20 ta' Lulju 2000 fejn, apparti milli jidhol fil-meritu ta' ghandux jew le jhallas alimenti pendente lite, isostni li l-Prim' Awla ma ghandhiex l-awtorita` li tordna dak mitlub.*

*Il-Qorti semghet lill-partijiet bil-gurament u lill-Avukati rispettivi taghhom fis-seduta ta' l-4 ta' Dicembru 2000. L-attrici, tramite d-difensur taghha talbet, u gie lilha koncess, taghmel nota ta' sottomissjonijiet dwar il-punti legali nvoluti f'din il-vertenza. Din in-nota saret fil-31 ta' Jannar 2001 u ghaliha saret nota responsiva fl-14 ta' Frar 2001 filwaqt illi fis-seduta tas-16 ta' Frar 2001 ir-rikors gie differit ghall-lum ghall-provvediment.*

*Ikkunsidrat:-*

*Illi x-xhieda tal-partijiet ukoll tirrigwarda l-meritu ta' jekk il-konvenut/intimat ghandux ihallas alimenti pendente lite. Din ix-xhieda ghalhekk hija rrilevanti ghall-fini ta' dan il-provvediment li jitratta biss materja purament legali minkejja illi din ix-xhieda tista' tkun utili fl-atti tal-kawza tas-separazzjoni personali bejn din il-koppja.*

*Ikkunsidrat: -*

*Ir-riferenza ovvja fir-risposta ta' l-intimat hija ghal dak deciz minn din il-Qorti fil-kaz* ***"Bone vs Bone"*** *(27/12/99). F'dak id-digriet din il-Qorti kienet ikkonkludiet illi: "Jidhrilha pero' illi l-intimat ghandu ragun u li din mhiex l-interpretazzjoni legali korretta peress illi, fil-fehma taghha, id-dicitura tal-ligi hija cara illi din l-ordni tista tinghata biss jew bis-sentenza jew f'digriet li jinghata* *<u>wara</u>* *(sottolinear tal-Qorti) fuq talba ghaldaqshekk mill-kreditur u dan tenut kont ukoll tal-fatt illi s-sub-artikolu (3) huwa eccezzjoni ghar-regola generali fuq imsemmija li dawn l-introjti ma jistghux jigu sekwestrati". Il-Qorti kienet waslet ghal din id-decizjoni wara li kkunsidrat l-****artikoli 480(3)(a) 253(a), 273(c), 375 u 381 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malt****a, u partikolarment wara li kkonsidrat li s-****sub-artikolu (3) ta' l-istess artikolu 381*** *huwa eccezzjoni ghar-regola generali illi s-Salarji u l-Pensjonijiet ma jistghux jigu ssekwestrati. Din il-Qorti ftit ghandha x'izzid mar-ragunament taghha fid-digriet fuq citat dment illi l-provvedimenti tal-ligi ma jinbidlux hlief ghal dak li sejjer jinghad. Dan nonostante l-Qorti ma tistax u ma hijiex sejra taqbel ma' l-interpretazzjoni moghtija mill-konvenut fin-nota responsiva tieghu dwar l-****artikolu 470 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta****. Id-digrieti tas-Sekond' Awla jibqghu in vigore sakemm jigu revokati jew mibdula mill-istess Qorti jew minn din il-Qorti dment illi jkun segwit it-terminu stipulat fl-****artikolu 480(4)*** *u ghaldaqstant a tenur tas-****sub-artikolu (3) ta' l-istess artikolu 480*** *huma titoli ezekuttivi ezegwibbli bil-mezzi kollha permessi mil-ligi anke taht l-*

*istess* ***artikolu 382(1) ta' l-istess Kapitolu 12****, hlief ghall-eccezzjoni msemmija f'dan id-digriet."*

It-talba attrici hija ghalhekk michuda filwaqt illi l-ispejjez huma rizervati.

Rat ir-rikors tas-26 ta' Gunju, 2001 fejn l-attrici talbet lil din il-Qorti joghgobha taghtiha l-permess li jitressaq appell mid-digriet imsemmi, qabel is-sentenza definittiva, u dan a tenur ta' l-artikolu 229 (3) tal-Kap. 12.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Lulju, 2001 fejn il-Qorti a tenur ta' l-istess **artikolu 229(3) tal-Kap. 12** riedet tisma lill-partijiet;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Novembru, 2001 fejn il-Qorti wara li semghet l-avukati rispettivi u wara li rat l-**artikolu 229(3) tal-Kap 12** tilqa t-talba peress li jidhrilha li jkun ahjar u gust li l-kwistjoni bhal dik odjerna li titratta punt legali tingieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell ghall-konsiderazzjoni taghha u ghalhekk tawtorizza ghat-terminu ta' l-istess artikolu li r-rikorrenti tappella mid-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Gunju, 2001.

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Dicembru, 2002 li qalet illi:

***"<u>Preliminari</u>***

*1. B'digriet numru 618/2000 moghti mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Mejju 2000 kien gie ordnat, inter alia, li l-intimat Agostino Zammit ihallas lil Marija Zammit, martu, pendente lite quddiem l-istess Qorti u quddiem l-Onorabbli Qorti Civili, Prim' Awla, is-somma ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) kull gimgha, bhala manteniment ghaliha. Dan il-manteniment kellu jithallas bil-quddiem, fir-residenza ta' l-istess Marija Zammit b'effett mill-4 ta' Mejju, 2000.*

*2. Marija Zammit, kif kienet giet awtorizzata bl-istess digriet, ipprocediet quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-*

*Qorti Civili ghas-separazzjoni personali u fejn ukoll intavolat is-soliti talbiet konsegwenzjali.*

*3. Irrizulta li Agostino Zammit naqas li jhallas il-manteniment ordnat bl-imsemmi digriet.*

*4. Fil-25 ta' Mejju, 2000 Marija Zammit intavolat rikors quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili li bih talbet lil dik il-Qorti li joghgobha tordna li s-somma ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha dovuta bil-quddiem bhala manteniment ghaliha, tithallas direttament lilha mill-employer ta' zewgha, cjoe` l-Gvern, billi titnaqqas mill-ewwel mill-paga ta' zewgha sabiex b'hekk ikun onorat l-imsemmi digriet.*

*5. Fir-risposta tieghu tal-20 ta' Lulju, 2000 Agostino Zammit inter alia eccepixxa li t-talba ta' martu kienet irritwali billi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili "m'ghandhiex l-awtorita li tordna dak li hemm mitlub fir-rikors".*

*6. B'digriet moghti mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Gunju, 2001 l-imsemmija talba ta' Maria Zammit giet michuda – spejjez rizervati – wara li kkunsidrat hekk:*

***Il-Qorti,***

*Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-25 ta' Mejju 2000 fejn titlob lill-Qorti tordna illi l-manteniment li l-intimat gie kkundannat ihallas lill-attrici mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili jigi mnaqqas direttament mill-paga li l-intimat jippercepixxi minn ghand il-Gvern.*

*Wara li l-intimat finalment gie notifikat ghamel risposta fl-20 ta' Lulju 2000 fejn, apparti milli jidhol fil-meritu ta' ghandux jew le jhallas alimenti pendente lite, isostni li l-Prim' Awla ma ghandhiex l-awtorita` li tordna dak mitlub.*

*Il-Qorti semghet lill-partijiet bil-gurament u lill-Avukati rispettivi taghhom fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2000. L-attrici, tramite d-difensur taghha talbet, u gie lilha koncess, taghmel nota ta' sottomissjonijiet dwar il-punti legali*

*nvoluti f'din il-vertenza. Din in-nota saret fil-31 ta' Jannar 2001 u ghaliha saret nota responsiva fl-14 ta' Frar 2001 filwaqt illi fis-seduta tas-16 ta' Frar 2001 ir-rikors gie differit ghall-lum ghall-provvediment.*

*Ikkunsidrat:-*

*Illi x-xhieda tal-partijiet ukoll tirrigwarda l-meritu ta' jekk il-konvenut/intimat ghandux ihallas alimenti pendente lite. Din ix-xhieda ghalhekk hija rrilevanti ghall-fini ta' dan il-provvediment li jitratta biss materja purament legali minkejja illi din ix-xhieda tista' tkun utili fl-atti tal-kawza tas-separazzjoni personali bejn din il-koppja.*

*Ikkunsidrat: -*

*Ir-riferenza ovvja fir-risposta ta' l-intimat hija ghal dak deciz minn din il-Qorti fil-kaz* **"Bone vs Bone"** *(27/12/99). F'dak id-digriet din il-Qorti kienet ikkonkludiet illi: "Jidhrilha pero' illi l-intimat ghandu ragun u li din mhiex l-interpretazzjoni legali korretta peress illi, fil-fehma taghha, id-dicitura tal-ligi hija cara illi din l-ordni tista tinghata biss jew bis-sentenza jew f'digriet li jinghata <u>wara</u> (sottolinear tal-Qorti) fuq talba ghaldaqshekk mill-kreditur u dan tenut kont ukoll tal-fatt illi s-sub-artikolu (3) huwa eccezzjoni ghar-regola generali fuq imsemmija li dawn l-introjti ma jistghux jigu sekwestrati". Il-Qorti kienet waslet ghal din id-decizjoni wara li kkunsidrat l-Artikoli 480(3)(a) 253(a), 273(c), 375 u 381 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u partikolarment wara li kkonsidrat li s-sub-artikolu (3) ta' l-istess Artikolu 381 huwa eccezzjoni ghar-regola generali illi s-Salarji u l-Pensjonijiet ma jistghux jigu ssekwestrati. Din il-Qorti ftit ghandha x'izzid mar-ragunament taghha fid-digriet fuq citat dment illi l-provvedimenti tal-ligi ma jinbidlux hlief ghal dak li sejjer jinghad. Dan nonostante l-Qorti ma tistax u ma hijiex sejra taqbel ma' l-interpretazzjoni moghtija mill-konvenut fin-nota responsiva tieghu dwar l-Artikolu 470 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-digrieti tas-Sekond' Awla jibqghu in vigore sakemm jigu revokati jew mibdula mill-istess Qorti jew minn din il-Qorti dment illi jkun segwit it-terminu stipulat fl-*

*Artikolu 480(4) u ghaldaqstant a tenur tas-sub-artikolu (3) ta' l-istess Artikolu 480 huma titoli ezekuttivi ezegwibbli bil-mezzi kollha permessi mil-ligi anke taht l-istess Artikolu 382(1) ta' l-istess Kapitolu 12, hlief ghall-eccezzjoni msemmija f'dan id-digriet.*

*It-talba attrici hija ghalhekk michuda filwaqt illi l-ispejjez huma rizervati.*

*7. Fis-26 ta' Gunju, 2001 Marija Zammit talbet lil dik il-Qorti taghtiha l-permess li tressaq appell mid-digriet imsemmi qabel is-sentenza definittiva a tenur ta' l-art. 229(s) tal-Kap. 12.*

*8. Dik il-Qorti tat l-imsemmi permess fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2001 billi l-Qorti deherilha li jkun ahjar u gust li l-kwistjoni, li titratta punt legali, tingieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell ghall-konsiderazzjoni taghha.*

***L-APPELL***

*9. Marija Zammit intavolat l-appell mid-digriet imsemmi fit-22 ta' Gunju 2001 b'rikors quddiem din il-Qorti ipprezentat fl-4 ta' Dicembru 2001. Ghar-ragunijiet esposti minnha fl-istess rikors, hija talbet li l-ewwel Qorti joghgobha thassar l-imsemmi digriet u minflok tilqa' t-talba taghha li r-retta alementari ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha bil-quddiem lilha dovuta tinqata mill-ewwel mill-paga ta' zewgha il-konvenut li huwa impjegat tal-Gvern u tithallas lilha.*

*10. Agostino Zammit gie debitament notifikat bir-rikors ta' l-appell izda naqas li jirrispondi ghalih bil-miktub.*

*11. Din il-Qorti, kif sussegwentement issa presjeduta semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2002, f'liema seduta l-appellat oppona t-talba tal-appellanti ghar-ragunijiet li gew spjegati waqt it-trattazzjoni li ghamel l-abbili Avukat tieghu.*

***KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI***

*12. Din is-sentenza sejra tindaga u tiddeciedi il-kwistjoni jekk digriet tas-Sekond' Awla (moghti fuq rikors b'talba kif imsemmi fil-proviso ghas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 470 tal-Kap. 12, li bih jigi ordnat il-hlas ta' manteniment fil-pendenza ta' kawza ta' separazzjoni personali, jistax jigi esegwit b'mandat ta' sekwestru fuq is-salarju tad-debitur. L-ewwel Qorti ddecidiet li s-Sekond' Awla ghandha tali setgha; iddecidiet ukoll li hija (cjoe` il-Prim' Awla) ma kellhiex is-setgha, fil-pendenza tal-kawza ta' separazzjoni, li tordna l-esekuzzjoni ta' tali digriet tas-Sekond' Awla li b'mandat ta' sekwestru fuq is-salarju tad-debitur. Iddecidiet li hija setghet biss tezercita din is-setgha jew fil-mument li taghti s-sentenza finali taghha jew wara tali sentenza, b'digriet appozitu fuq talba ghaldaqshekk mill-kreditur lill-konvenut.*

*13. Din il-Qorti fliet akkuratament l-artikoli 470, 480, 253, 273 u 381 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u waslet ghad-decizjoni li ma tistax tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti.*

*14. Jidher car li l-legislatur, ghal ragunijiet prattici, espressament ikklassifika d-digriet tas-Sekond' Awla li jillikwida u jordna l-hlas tal-alementi pendente lite f'kazi ta' separazzjoni personali bhala titolu esekuttiv, esegwibbli bil-mod kif indikat fl-artikolu 480(3).*

*15. Jidher car ghal din il-Qorti li l-legisltaur pogga dan id-digriet tas-Sekond' Awla fuq livell specjali. Infatti, gie attribwit lil dan id-digriet, is-sahha w il-valur daqs li kieku kien "sentenza" li tinghata wara kawza ta' manteniment. Dan id-digriet huwa esegwibbli mill-Qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza li quddiemha tista tingieb jew tkun pendenti kawza ghal separazzjoni personali u dana bl-istess mod kif jigu esegwiti titoli ezekuttivi.*
*16. Jixraq li jigi citat hawn is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 480, li donnu sfugga l-iskrutinju ta' l-Ewwel Qorti. Dan is-subartikolu, li jaghmel espressa r-riferenza ghas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 381 jiddisponi hekk:-*

*(5) Id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 381 li bis-sahha taghhom il-qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza*

*tista taghmel il-mandat hemm specifikat ghandhom japplikaw, mutatis mutandis, daqs li kieku r-riferenza ghall-qorti f'dak is-subartikolu, kienet riferenza ghall-qorti ta' gurisdizzjoni volontarja li quddiemha tkun saret it-talba msemmija fil-proviso ghas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 470".*

*17. Isegwi li digriet simili tas-Sekond' Awla huwa esegwibbli wkoll kif jinghad fl-imsemmi subartiklu (3) ta' l-artikolu 381 kemm b'ordni tas-Sekond' Awla stess u kemm ukoll mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, li quddiemha tkun ingabet il-kawza tas-separazzjoni personali.*

*18. Interpretazzjoni diversa minn din, tiznatura ghal kollox il-kelma u l-ispirtu tal-ligi, u sa fejn taf il-Qorti, tmur kontra il-prattika normalment segwita mill-Qrati taghna. Tali interpretazzjoni x'aktarx tista twassal ghal tbatija bla bzonn bejn membri ta' l-istess familja u x'aktarx ma thallix alternattiva ohra lill-kreditur tal-manteniment, hlief li jirrikorri ghas-sanzjonijiet ta' natura kriminali (li jistghu jwasslu ghall-karcerazzjoni tad-debitur), rimedji dawn li huma ta' natura ferm odjuza, specjalment f'sitwazzjonijiet bejn membri ta' l-istess familja.*
*19. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti kellha s-setgha li takkolji t-talba ta' Marija Zammit u cjoe li taghti esekuzzjoni ghad-digriet imsemmi tas-Sekond' Awla billi tordna li s-somma ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha dovuta lilha bil-quddiem tithallas direttament lilha mill-employer tal-konvenut, cjoe` l-Gvern, billi titnaqqas mill-paga ta' l-istess konvenut.*

*20. Ghal dawn il-motivi:*

*Tirrevoka d-digriet imsemmi tat-22 ta' Gunju, 2001 u minflok tilqa' t-talba ta' l-appellanti kif fuq inghad. L-ispejjez ta' dan l-incident, kemm ta' l-ewwel u kemm tat-tieni istanza jibqghu a karigu ta' l-appellat Agostino Zammit."*

Rat l-atti tar-rikors datat 6 ta' Lulju, 2000 fejn il-Qorti intalbet mill-attrici sabiex jinstab mezz sabiex hi tkun tista tara lil binha u dan skond il-provvedimenti li jidhrilha

opportuni. Rat id-digriet taghha ta’ l-4 ta’ Awissu, 2000 fejn il-Qorti qabel xejn ordnat li ssir notifika lill-kontro-parti b’erbat ijiem zmien ghar-risposta. Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-25 ta’ Settembru, 2000; rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Ottubru, 2000 fejn il-Qorti riedet li tisma lill-partijiet; rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Gunju, 2001 fejn il-Qorti ordnat illi fil-vaganzi tas-sajf l-intimat (il-konvenut) ghandu jibghat lit-tifel ghand ommu kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha bejn id-9.00a.m. u d-9.30a.m. L-istess rikorrenti (l-attrici) ghandha tiehu hsieb li f’dan il-hin hija tkun qeghda d-dar. Rat il-verbal taghha ta’ l-4 ta’ Gunju, 2002 fl-atti ta’ dan ir-rikors fejn Dr. Porsella-Flores informa lill-Qorti li l-partijiet ghall-mument qed jiftehmu bejniethom u ghalhekk m’hemmx bzonn li tinghata decizjoni f’dan l-istadju. Il-Qorti ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-istess rikors.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 27 ta’ Frar, 2001 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha takkordalu terminu li fih ir-rikorrenti jkun jista jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu, salv procedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici datata 24 ta’ Mejju, 2001 u li permezz taghha hija talbet lil din il-Qorti joghgobha tichad ir-rikors tal-konvenut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif preseduta moghtija fil-11 ta' Marzu, 2003 fejn din il-Qorti cahdet ir-rikors tal-konvenut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu abbazi tar-rikors tieghu tas-27 ta’ Frar 2001, u dan *stante* li l-istess konvenut ma rnexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu. Bl-ispejjez kollha ta’ din id-decizjoni a karigu ta’ l-istess konvenut.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 30 ta’ Awissu, 2001 fejn il-konvenut talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka d-digriet ta’ manteniment fuq imsemmi *contrario imperio*, u fin-nuqqas illi tilqa din it-talba, illi tvarja d-digriet tal-manteniment billi tnaqqas is-somma ordnata ghall-hlas ghall-manteniment

ta’ l-attrici, salv provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi huma xierqa.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta’ Awissu, 2001 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici datata 27 ta’ Settembru, 2001 fejn hija talbet lil din il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti konvenut.

Rat id-digriet ulterjuri taghha tat-28 ta’ Jannar, 2002 fejn il-Qorti f’dan l-istadju tichad it-talba b’dan li l-kontendenti ghandhom jaderixxu ruhhom mad-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili taht s-sanzjonijiet ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 27 ta’ Mejju, 2002 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka id-digriet ta’ manteniment fuq imsemmi *contrario imperio*, u fin-nuqqas illi tilqa din it-talba, illi tvarja id-digriet tal-manteniment billi tnaqqas is-somma ordnata ghall-hlas ghall-manteniment ta’ l-attrici, salv provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi huma xierqa.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Gunju, 2002 fejn il-Qorti ordnat n-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta. Rat id-digriet taghha ulterjuri datat 7 ta’ Awissu, 2002 fejn il-Qorti wara li rat li l-intimata (attrici) ma dahhlitx risposta, u wara li rat id-digriet precedenti taghha tat-28 ta’ Jannar 2002 ikkonfermat l-istess u cahdet it-talba tar-rikorrenti (konvenut) bl-ispejjez.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 3 ta’ Gunju, 2003 fejn talab lil din il-Qorti taghti l-provvedimenti kollha li jidhrilha li huma xierqa u dan fl-interess tal-minuri, Roderick.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Gunju, 2003 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta. Rat id-digriet ulterjuri taghha datat 17 ta’ Gunju, 2003 fejn il-Qorti f’dan l-istadju cahdet it-talba u rrizervat li

jekk ikun il-kaz tiehu provvedimenti opportuni fil-futur u ukoll fid-decizjoni taghha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. PROVI.</u>

Illi meta xehdet l-**attrici** fil-15 ta' Ottubru, 2001 quddiem l-Assistent Gudizzjarju hija tghid illi minuri hemm wiehed biss u cjoe` Roderick. Hija tghid illi "*l-inkwiet bejni u bejn zewgi beda xi sentejn ilu f'Settembru. Jien u zewgi kellna problemi anke tul il-hajja matrimonjali qabel dawn is-sentejn pero` jien dejjem kont nissaporti. Nghixu go razzett u washing machine automatic ma kelliex u xtaqt washing machine ghax jien kont nahsel il-hwejjeg b'idejja. Lanqas biss kamra tal-banju ma kelli, jigifieri nispjega li dawn l-affarijiet kienu qed jaqilghu l-inkwiet bejnietna minhabba li jien kont nghid lil zewgi biex imur jahdem. Zewgi kien jahdem mal-Gvern u din ma kienx bizzejjed peress li konna tmienja min-nies. Peress li ahna ma konniex naffordjaw dawn l-affarijiet jien kont nghidlu bil-problemi li kien ikollna u zewgi kien jarma jtini. Kien hemm tlett okkazzjonijiet li fihom zewgi kien issawwatni u anke kien tani xi daqqiet f'rasi u jien kont mort ghamilt rapport gewwa l-Ghassa ta' Hal-Luqa u ghandi anke certifikati medici fuq dawn*" u "*Meta t-tfal kienu ghadhom zghar zewgi kien ukoll issawwatni hafna u tani anke fuq rasi, imma dak iz-zmien it-tfal kienu ghadhom zghar u jien kont hfirtlu u ghaldaqstant m'ghandhiex certifikati medici*".

Illi l-attrici tghid illi hija telqet mid-dar matrimonjali qabel ma fethet il-proceduri odjerni.

Illi tghid ukoll l-attrici illi "*wara li tlaqt mid-dar matrimonjali zewgi qatt ma rega gie jkellimni. U baqa` ma jrid jaghmel l-ebda xoghol biex ittejjeb is-sitwazzjoni familjari*".

Illi xehed bil-procedura ta’ l-affidavit **John Zammit**, iben il-kontendenti, liema affidavit jinsab esebit a fol. 47 tal-process. Fih, dan ix-xhud jghid illi “*Jiena naf li meta kienu ghadhom flimkien missieri kien issawwat lil ommi. Dan kien xi darba kultant; kien juza l-ponn u naf li wara ommi kien ikollha rasha tugaghha”* u *“kien ikun hemm litikar ukoll dwar il-flus bi9lli missieri kien ighid li ommi qed tonfoq il-flus malajr. Hi kienet tghid li fil-fatt missieri ma kienx jaghtiha bizzejjed. Nista nghid li ma kienux jiftehmu*”.

Illi jghid ukoll illi *“ghadna magna tal-hasil izda din daqsxejn qadima; meta ommi kienet titlob lil missieri wahda awtomatika biex ma tbatix hu kien jghid li m’ghandux flus bizzejjed. Missieri jahdem mal-gvern pero’ ma nistax nghid kemm jaqla’. Naf li xoghlu hu li jizbogh xi bankijiet. Niftakar lil ommi tghid lil missieri biex jixtri xi affarijiet tad-dar biex ma tbatix izda hu kien kuntent b’li hemm”*.

Illi fit-18 ta’ Gunju, 2003 il-Qorti kienet staqsiet lill-attrici jekk hija hux qed tiehu xi kura psikjatrika. L-attrici wiegbet fl-affermattiv u qalet illi hija kienet marret Mount Carmel meta t-tfal kienu zghar. Ilha ma tmur f’dan l-Isptar ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena. Jirrizulta pero’ illi hija ghadha tiehu xi medicinali biex jikkalmawha u jnehhulha d-dwejjaq.

Illi mistoqsija mill-Qorti ma min jghix il-minuri, l-attrici tghid illi huwa qieghed jghix mal-konvenut.

Illi meta l-attrici kienet qeghda tixhed fl-atti tar-rikors minnha intavolat fil-25 ta’ Mejju, 2000 dwar il-fatt illi din il-Qorti kellha tordna li s-somma ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha dovuta lir-rikorrenti bil-quddiem titnaqqas mill-ewwel mill-paga li l-Gvern ihallas lill-intimat, hija tghid illi mill-4 ta’ Mejju, 2000 u cjoe` minn meta inghata d-digriet mill-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sakemm kienet qeghda tixhed qatt ma thallset manteniment. Dwar il-konvenut in kontro-ezami din ix-xhud tghid illi *“kieku kien ir-ragel proprja zewgi li jhobb lili u lit-tfal, ghandu jahdem ghalija u ghat-tfal. Mhux la automatic, la kamra tal-banju … kollox naghmel jien u hu*

*joqghod barra ghall-frisk"*. Tghid ukoll l-istess attrici in kontro-ezami illi "*it-tfal kollha ghandi jigu bil-guh. Kollha. It-tifel niehdu l-iskola. Anzi mhux hu jiehdu. Jiena. Nahsillu l-hwejjeg u niehdu jien*".

Illi meta xehed il-konvenut u l-Qorti staqsietu l-ghaliex ma kienx qed jissoministra l-ammont ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) bhala manteniment lill-attrici huwa jghid illi *"Ghax il-paga ma sserviniex ghalija … ghandi erbat itfal mieghi"* u *"ma nistax naghtiha flus. Ghandi t-tfal mieghi kollha jien"*.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET.

- **Htija tal-Firda**

Illi bhala ragunijiet ghat-talba taghha li titlob il-firda personali l-attrici tadduci fil-konfront tal-konvenut zewgha l-eccessi, s-sevizzi, l-ingurji gravi u s-swat b'mod illi llum iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment. Tadduci ukoll fil-konfront tal-konvenut l-inkompatibilita` ta' karattru.

Illi minn naha tieghu l-konvenut minkejja li gie notifikat skond il-ligi baqa kontumaci. L-istess konvenut ipprezenta rikors datat 27 ta' Frar, 2001 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha takkordalu terminu li fih ir-rikorrenti jkun jista jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, salv proccedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa. L-attrici ipprezentat risposta datata 24 ta' Mejju, 2001 u li permezz taghha hija talbet lil din il-Qorti joghgobha tichad ir-rikors tal-konvenut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu. Din il-Qorti b'decizjoni moghtija fil-11 ta' Marzu, 2003 fejn din il-Qorti cahdet ir-rikors tal-konvenut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu abbazi tar-rikors tieghu tas-27 ta' Frar 2001, u dan *stante* li l-istess konvenut ma rnexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu. Bl-ispejjez kollha ta' din id-decizjoni a karigu ta' l-istess konvenut.

*In linea* generali din il-Qorti tibda biex tghid illi kif inhu pacifiku *"perche il coniuge offeso possa domandare la*

*separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale"* – (Ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fit-12 ta' Mejju, 1925 fl-ismijiet **"Elisa Thompson vs Edward Thompson"**). Hekk ukoll jinghad fis-sentenzi ripportati fil-volum **Vol. XLVI P II p 638** meta jinghad illi *"hu bizzejjed li tikkonkorri wahda biss minnhom ghax din jekk pruvata hi bizzejjed biex tiggustifika t-talba ghas-separazzjoni"* (**Vol. XLVI P II p 638**), *"purche sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugali"* (**Vol. XXVI P II p 110**);
Illi lanqas ma giet kontradetta ix-xhieda ta' l-attrici fir-rigward ta' vjolenza allegata fil-konfront tal-konvenut. Anzi din il-Qorti hija tal-fehma – u dan abbazi tal-provi prodotti u li ma gewx kontradetti – illi jezistu dawk ic-cirkostanzi li trid il-ligi sabiex ikun hemm il-mohqrija u s-sevizzi li trid il-ligi. Jkun hemm sevizzi meta dawn ikun *"abituali o almeno ripetute da rendere insopportabile la convivenza"* (**Vol. IX pag. 274**) u jkun hemm sevizzi meta l-agir *"joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom"* (**Vol. XXXI P I p 200; Vol. XXVI P I p 246**);

Illi l-fatt li l-attrici kellha tiehu hsieb ta' tmienja minn nies – sitt itfal, l-attrici u l-konvenut – huwa diga` xi haga straordinarja f'dawn iz-zminijiet. Il-konvenut irrizulta illi jahdem mal-Gvern. Irrizulta ukoll illi l-paga li kien qieghed idahhal ma kenitx bizzejjed biex tlahhaq mal-htigijiet ta' din il-familja hekk numeruza. L-attrici tghid illi hija kemm il-darba qaltlu sabiex jsib xi mpjieg iehor forsi s-sitwazzjoni taghhom titbiddel, pero' dan id-diskors kien kollu ta' xejn. Di fatti hija tghid illi *"kieku kien ir-ragel proprja zewgi li jhobb lili u lit-tfal, ghandu jahdem ghalija u ghat-tfal. Mhux la automatic, la kamra tal-banju … kollox naghmel jien u hu joqghod barra ghall-frisk"*. Illi min dan kollu jirrizulta li l-konvenut haqar lill-attrici bla bzonn, kien hati fil-konfront ta' l-attrici ta' vjolenza domestika, u dan kompla ggrava s-sitwazzjoni, meta jidher li halla lill-attrici tinhaqar, billi

lanqas pprovda ghall-bzonnijiet bazici, u kif hija kienet tilmenta, kien jinfexx fi swat fuqha. Dan qatt ma huwa accettabbli, anzi huwa kundannabbli, l-aktar fi zminijiet ta' llum fejn id-drittijiet tal-mara hadu spinta 'il quddiem, u hekk ghandhom jigu enforzati. Il-Qorti taghmilha cara li hadd, u verament hadd, ma ghandu l-jedd jahqar jew isawwat bniedem iehor. Li dan isir f'kuntest ta' familja, li kellha sitt (6) itfal, huwa hafna aghar, u ghalhekk jirrizulta li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi mill-provi prodotti f'din il-kawza ghandu jirrizulta, u dan fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti illi l-konvenut ghandu ghax jahti ghal din il-firda u ghall-konsegwenzi taghha.

- **<u>Kura u Kustodja</u>**

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Roderick, li ghandu erbatax-il sena, jinghad illi "*l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika (li titkellem fuq l-edukazzjoni, terminu li ontologikament jimporta l-kura u l-amministrazzjoni tas-sustanzi taghhom (ara* ***De Rohan Lib. III, Capo II, paragrafo XXIV****), sew fil-ligi vigenti (ara argument mehud mill-art. 68 Kap. 23), kif ukoll fil-gurisprudenza estera (****Annali della Giurisprudenza Italiana****, Volume VII, P. II, p.39,* ***Appell Lucca*** *4 ta' Settembru 1872 in* ***re Buoni utrinque****), u f'dik lokali (ara Prim' Awla Civili 8 ta' Dicembru 1858,* ***"Lawless utrinque"****, Vol. I pag. 180, kolonna sekonda (2da.) med.; Appell 26 ta' April 1867,* ***"Camenzuli vs Gatt"****, Volume IV, pagina 74, kolonna prima in fine; Prim' Awla Civili 28 ta' Jannar 1956 in re* ***"John Cutajar vs Amelia mart l-istess John Cutajar"****; u hafna ohrajn), hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu; Illi, in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew meta l-konjugi jisseparaw ruhhom gudizzjarjament, sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment; (Ara* ***"Giuseppe Scicluna vs Maria Scicluna pro et noe"*** *deciza mill-Prim' Awla fil-31 ta' Mejju, 1958)*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless”** din il-Qorti kienet qalet fit-8 ta’ Dicembru, 1858 illi *“la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera’ piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta’, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli”*.

Illi nghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **“John Cutajar vs Amelia Cutajar et”** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Jannar, 1956 illi *“apparti l-hsieb ta’ ordni morali u dak ta’ ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta’ kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti ‘in subjecta materia’, li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f’dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita’ u dak tal-aqwa vantagg u nteress tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u ‘de facto’ li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut” u “Fil-kamp li fuqu qeghdin nitkellmu, ghalkemm il-parti umanitarja ghandha certament l-importanza taghha fir-relazzjoni tal-persuni li jkunu taw il-hajja lill-istess minuri, eppure l-istess ma ghandhiex tipprevali fuq l-interess u vantagg dirett tal-istess tfal; bhal ma ghandhiex ikollha fil-hajja ta’ kuljum - kif l-esperjenza tghallem - prevalenza l-affezzjoni jew l-attakkament lejn persuna, anki jekk dettat minn natura, fuq id-dover impost mir-raguni fl-azzjonijiet tal-bniedem tant bhala membru tal-familja, kemm bhala membru tal-komunita li lilha jkun jappartjeni. Meta l-ghajn tar-raguni, f’xelta tal-azzjoni li bniedem jkun irid ta’ bilfors jaghzel li jaghmel, turi dover, impellenti versu certa linea ta’ kondotta, ghalkemm dik l-ghazla tkun timporta azzjoni drastika fil-kamp umanitarju, eppure dik il-hruxija ma tkunx hlief apparentement tali; in kwantokke li bilanci tal-mohh id-dover, li jeleva l-bniedem, u mhux ibaxxih, ikun ghaleb kwalunkwe konsiderazzjoni ohra li di fronti ghalieh (dover) tkun anqas tajba u anqas dinjituza”*.

Illi din il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tara illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri Roderick tibqa kif ordnata mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) gja' Sekond' Awla tal-Qorti Civili fid-digriet taghha tal-4 ta' Mejju, 2000 u cjoe' li din tkun kongunta.

Illi l-minuri Roderick ghandu jghix fid-dar matrimonjali li hija mikrija, flimkien ma' l-attrici, mill-liema dar matrimonjali l-konvenut ghandu jizgombra fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni. Din id-decizjoni qed tittiehed ukoll anke wara li l-Qorti kellha l-opportunita` li tara u titkellem ma' l-istess minuri, kif jirrizulta anke mill-verbali fl-atti processwali.

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-hames talba attrici – u cjoe` li hija tigi awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma binha l-minuri ad eskluzjoni tal-konvenut – u waslet ghall-konkluzjoni, kif diga' nghad, illi fid-dar matrimonjali ghandhom jirrisjedu l-attrici u binha l-minuri, Roderick, ad eskluzjoni tal-konvenut.

Illi l-Qorti hadet dan il-pass wara li rat illi l-konvenut huwa bniedem kapaci jerfa idejh fuq l-attrici. Il-Qorti ghandha id-dmir u d-dover li tissalvagwardja u taghti protezzjoni f'kazijiet ta' vjolenza domestika lill-vittma. Inghad ukoll illi din il-Qorti ghandha taghti dan it-tip ta' provvediment fejn ikun hemm *"vjolenza morali u ta' biza', fondata u reali, ta' parti mill-ohra jew tal-minuri minn xi wiehed mill-genituri"*. (Ara f'dan is-sens s-sentenza moghtija minnha fl-1 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **"Mary Grech pro et vs Nazzareno sive Reno Grech"**).

Illi nghad ukoll illi *"Eventwalment meta l-konflitt fid-dar matrimonjali twassal biex il-koppja assolutament ma tkunx tista' tabita taht l-istess saqaf, il-Qorti trid ta' bilfors tipprovdi, jigi ripetut, eventwalment fl-interess taz-zewg koppji u fejn hemm il-minuri fl-interess suprem taghhom."* (ibid. **"Grech vs Grech"**).

Illi kull minuri, li l-genituri tieghu jghaddu, sfortunatament, minn proceduri ta' separazzjoni ghandu jkollu ambjent

stabbli fejn jghix il-boghod mill-piki u t-tensjoni li jkunu qeghdin joholqu xi kultant il-genituri, liema piki u tensjoni jigu izjed imkabbra bil-fatt li l-genituri tieghu jkunu qeghdin jghixu taht l-istess saqaf. Preferibbilment, dan l-ambjent stabbli ghandu jkun id-dar matrimonjali u li fiha, l-istess minuri jkun diga' rabba certu stabbilita`. (Ara ukoll il-kawza fl-ismijiet **"Lilian Wismayer pro et noe vs Anthony Wismayer"** deciza fit-23 ta' Frar, 2001 (Cit. Nru. 879/97NA)). Din il-Qorti trid taghmilha cara pero' illi f'kazijiet fejn jintalab l-izgumbrament ta' parti mid-dar matrimonjali, l-istess Qorti tiehu in konsiderazzjoni kemm l-interess tal-minuri, li huma biss vittmi f'din it-tragedja ta' separazzjoni, u wkoll l-attitudni tal-partijiet, fosthom ir-ragunijiet ghaliex sehhet din il-firda, u f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li din sehhet minhabba l-abbuzi tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici ghal snin shah.

Illi dwar l-access li l-konvenut ghandu jkollu ghall-minuri Roderick, dan ghandu jkun liberu u bi qbil bejn il-partijiet apparti l-fatt li l-minuri illum il-gurnata ghandu erbatax-il (14) sena u jista' jiddeciedi hu kemm ghandu jqatta' hin ma missieru.

- **<u>Manteniment</u>**

Illi din il-Qorti kif ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri"** deciza fit-28 ta' Novembru 2002 qalet illi:

*"l-obbligi ta' manteniment tal-konjugi huma regolati bl-**artikolu 3 tal-Kap 16** li jipprovdi li :-*

*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."*

Illi skond l-**artikolu 3 (b) tal-Kap 16** hemm stipulat illi:-

*"Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."*

Illi skond l-**artikolu 7 (1) tal-istess Kap 16** jinghad li:-

*"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-**artikolu 3 (b)** ta' dan il-Kodici*."

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi *verso* l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-**artikolu 2 tal-Kap 16** *"jerfghu r-responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom."*

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri *verso* l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-**artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16**, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati *ai termini* tas-**sub-artikoli** ta' l-istess **artikolu 20**. Illi dan apparti hemm ukoll l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Illi din il-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjoni li ghamlet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fil-kawza fl-ismijiet **"Marthese Vella pro et noe vs George Vella"** deciza fit-28 ta' Frar, 2003 fejn inghad illi *"l-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din ma ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera ntrojtu"*. Inghad ukoll f'din l-istess sentenza illi *"t-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabbiltajiet fuq il-mara*

*mizzewga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn ir-responsabbiltajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa' bhal zewgha r-responsabbilta` ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja"*. (Ara decizjoni fl-ismijiet **"Doris Tabone vs Carmelo Tabone"**, Appell, 15 ta' Dicembru 1997.

Illi din il-Qorti, tghid illi dan hu hekk in principju, pero' jista' jkun li jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun afdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx jista' jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta' l-imsemmi minuri. Illi ghalhekk jekk tezisti raguni sufficcjenti bhal din hawn appena imsemmija, jista jkun illi parti fiz-zwieg ikollha thallas il-manteniment lill-parti l-ohra ghal tul ta' zmien.

Illi ghar-rigward ta' l-obbligu tal-manteniment, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Licari vs Caroline Licari pro et noe"** deciza fis-6 ta' April, 1992 qalet illi *"l-obbligu ta' l-attur li jmantni lil uliedu jigi qabel l-obbligu tal-konvenuta"*. Din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, dwar dan l-obbligu ta' manteniment lil minuri qalet illi *"Illi dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut"* (ara **"Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja" –** Cit. Nru 154/94).

Illi l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) gja' Sekond' Awla tal-Qorti Civili fid-digriet moghti minnha fl-4 ta' Mejju, 2000 ordnat lil konvenut sabiex jhallas l-ammont ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) manteniment fil-gimgha ghall-attrici.

Illi dwar il-kwistjoni tal-manteniment jinghad pero' illi quddiem din il-Qorti kull ma hemm bhala prova dwar l-introjtu hija dikjarazzjoni maghmula mill-konvenut bil-gurament tieghu quddiemha stess nhar it-18 ta' Gunju, 2003 fejn l-istess konvenut iddikjara illi huwa jircievi l-ammont ta' *"Lm295 f'idejh netti minbarra l-bonus, u l-*

*impjieg tieghu huwa bhala zebbiegh mal-Gvern mad-Dipartiment tal-Public Works”*.

Illi *in vista* tal-fatt illi l-minuri Roderick ser jibda jghix ma’ l-attrici fid-dar matrimonjali l-konvenut qed jigi ordnat li jmantni lil ibnu Roderick, u dan fl-ammont ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15) fil-gimgha pagabbli kull erba’ gimghat bil-quddiem lill-attrici fir-residenza taghha, u dan sakemm l-minuri jaghlaq it-tmintax-il sena.

Illi dwar l-ammont ta’ manteniment dovut lill-attrici, dan ghandu jibqa’ fis-somma ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20) fil-gimgha. Illi tali ammont ta’ manteniment hawn likwidat b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, ghandu jithallas kull erba’ gimghat bil-quddiem direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu, u ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex tinnotifika lill-istess *employer* b’kopja legali ta’ din is-sentenza, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhu ma’ l-istess.

Illi apparti dan kollu tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma totali ta’ tliet elef u hames mitt liri Maltin (Lm3,500), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti arretrati ta’ manteniment *pendente lite* li l-konvenut naqas li jhallas fil-mori ta’ din il-kawza, b’effett mid-data tad-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili datat 4 ta’ Mejju 2000 (fol. 92) sa l-24 ta’ Frar 2004, u dan l-ammont gie kkalkulat b’dan il-mod:-

Lm3,120 (Lm20 x 52 x 3 snin – 4/05/2000 – 4/05/03)
Lm840 (Lm20 x 43) – 4/05/2003 – 24/02/2004)
Lm3,120 + Lm840 = Lm3,960 – Lm400 (valur ta’ mobbli assenjati lill-attrici) = Lm3,560, li hija s-somma hawn likwidata bhala arretrati ta’ manteniment li l-konvenut naqas li jhallas.

- **Xoljiment tal-Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi din il-Qorti rat id-dikjarazzjoni maghmula mill-kontendenti fid-29 ta’ Ottubru, 2003 fejn *“il-partijiet jaqblu li fid-dar matrimonjali bhal issa qed jghix il-konvenut. Fuq*

*komunjoni l-partijiet jaqblu li m'hemm xejn ta' valur hlief xi mobbli, u hadd m'hu qed jinisti fuq xejn".* Illi jirrizulta mill-mandat ta' qbid numru 4265/00 fl-ismijiet "Marija Zammit vs Agostino Zammit" illi fid-dar matrimonjali hemm zgur is-segwenti u cjoe` (1) sufan u zewg pultruni, (2) nkwadru kbir fis-salott, (3) *side board*, (4) linfa tal-metall bi tmien bozoz, (5) *corner* u *coffee table*, (6) TV tal-kulur tal-marka Seleco u (7) gwardarobba bil-mera. Illi l-Qorti qeghda tordna li dawn l-affarijiet jigu assenjati lill-attrici *in parte* in sodisfazzjoni tan-nuqqas *da parte* tal-konvenut li jhallas manteniment *pendente lite* lill-attrici u *arbitrio boni viri* qed tistma l-istess oggetti fl-ammont ta' erba` mitt lira Maltija (Lm400). Jigi rilevat li skond ix-xhieda ta' l-attrici hija qatt ma ppercepiet manteniment minghand zewgha l-konvenut minkejja li dan kien hekk ordnat li jhallas.

Il-Qorti tordna wkoll li d-dar matrimonjali, 47 Triq Pawlu Magri, Sqaq numru 1, Luqa, jibqa' jghajjat bhala kera biss lill-attrici, b'dan li l-kera ta' l-istess fond qed jigi assenjat esklussivament lill-attrici, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha, tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lil sid il-kera sabiex dan jaderixxi ruhu ma' l-istess.

Illi *inoltre*, il-Qorti qeghda tordna illi l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi xolta b'effett immedjat mid-data ta' din is-sentenza.

## <u>IV. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici**, fis-sens biss kif hawn deciz b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti tkisser minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'eccessi, sevizzi, ingurji gravi u swat da parti tal-konvenut, kawza ta' liema, z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli biss lill-konvenut, apparti l-inkompatibbilta' ta' karattru.

2. Tilqa' *in parte* t-tieni talba attrici u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Roderick ghandha tigi fdata

konguntivament liz-zewg partijiet b'dan illi l-istess minuri ghandu jirrisjedi ma' l-attrici fid-dar matrimonjali. Il-konvenut ghandu jkollu access liberu ghal minuri Roderick, liema access ghandu jigi ipprattikat bi qbil bejn il-partijiet *oltre* l-fatt illi l-minuri illum il-gurnata ghandu erbatax-il sena u jista jiddeciedi hu kemm ghandu jqatta` hin ma' missieru.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici b'dan illi l-Qorti qeghda tikkundanna lill-konvenut ihallas bhala manteniment ghal ibnu, Roderick, is-somma ta' hmistax-il lira Maltin (Lm15) fil-gimgha pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem lill-attrici fir-residenza taghha, u dan sakemm il-minuri jaghlaq it-tmintax-il sena. Illi tikkundanna wkoll lill-konvenut ihallas bhala manteniment lill-attrici s-somma ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici.

Illi tali ammont ta' manteniment hawn likwidat kemm favur il-minuri u kemm favur l-attrici b'effett mid-data ta' din is-sentenza, ghandu jithallas kull erba' gimghat bil-quddiem direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu, u ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex tinnotifika lill-istess *employer* b'kopja legali ta' din is-sentenza, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhu ma' l-istess.

Illi apparti dan kollu tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma totali ta' tliet elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti arretrati ta' manteniment *pendente lite* li l-konvenut naqas li jhallas fil-mori ta' din il-kawza, b'effett mid-data tad-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 4 ta' Mejju 2000 (a fol. 92) sa l-24 ta' Frar 2004.

4. Il-Qorti qeghda tordna illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti konjugi Zammit tigi xolta b'effett immedjat mid-data ta' din is-sentenza.

Illi tassenja lill-attrici l-oggetti mobbli ndikati fil-mandat ta' qbid numru 4265/00 fl-ismijiet **"Marija Zammit vs Agostino Zammit"** u li hemm gewwa d-dar matrimonjali u

cioe (1) sufan u zewg pultruni, (2) inkwadru kbir fis-salott, (3) *side board*, (4) linfa tal-metall bi tmien bozoz, (5) *corner* u *coffee table*, (6) *Television* tal-kulur tal-marka Seleco u (7) gwardarobba bil-mera u dan in parti in sodisfazzjoni tan-nuqqas *da parte* tal-konvenut li jhallas lill-attrici manteniment *pendente lite* u *arbitrio boni viri* qed tistma l-istess oggetti fl-ammont ta' erba` mitt lira Maltija (Lm400).

Il-Qorti tordna wkoll li d-dar matrimonjali, 47 Triq Pawlu Magri, Sqaq numru 1, Luqa, jibqa' jghajjat bhala kera biss lill-attrici, b'dan li l-kera ta' l-istess fond qed jigi assenjat esklussivament lill-attrici, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha, tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lil sid il-kera sabiex dan jaderixxi ruhu ma' l-istess.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna lill-konvenut sabiex jizzgombra mid-dar matrimonjali – 47, Sqaq Numru 2, Triq Pawlu Magri, Hal-Luqa – fi zmien tletin gurnata mid-data ta' din is-sentenza, b'dan illi l-attrici hija awtorizzata tghix esklussivament flimkien ma' binha l-minuri, Roderick, bl-eskluzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------